MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 890/2010

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Phonic Limited u Emanuel u Maria Rosaria konjugi Gatt**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Settembru 2010 l-attrici qeghda titlob li l-qorti:-

1. Tiddikjara li sehhew xi wahda jew iktar mill-grajjiet li jissemmew fil-kuntratti tas-7 ta' Novembru 2007 pubblikati min-nutar Dr Pamela Mifsud Bonnici, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Phonic Limited u Gatt (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti lill-bank (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra u (c) hemm bidliet materjali fic-

cirkostanzi ta' Phonic Limited u l-konjugi Gatt li jipperikolaw jew jeffetwaw hazin il-possibilita ta' hlas tad-debitu.
2. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta u lill-konjugi Gatt sabiex ihallsu *in solidum* is-somma ta' erbgha u sebghin elf hames mija u erbgha u hamsin ewro u centezmu (€74,554.01) bilanc fil-Loan Accounts ta' Phonic Limited.

Jirrizulta li permezz ta' zewg kuntratti tas-7 ta' Novembru 2007 Phonic Ltd [1] inghatat:-

i. Self ghas-somma ta' €34,940.60[2]. Il-konvenuti Gatt huma garanti solidali u bhala garanzija offrew id-dar taghhom[3].
ii. Overdraft ghas-somma ta' €23,293.73. Il-konjugi Gatt huma garanti solidali.

Ghal dik li hi garanzija l-konjugi Gatt iffirmaw il-kuntratti u wkoll skrittura privata datata 9 ta' Novembru 2007 ghas-somma ta' Lm25,000 (€58,234) u fejn jinghad li dan jinkludi l-imghax.

Il-konvenuti wiegbu permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-22 ta' Novembru 2010[4]:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba frodi maghmula minn terzi persuni u liema frodi jeffetwaw b'mod dirett fuq l-ammont.
2. L-ammont mitlub hu ezagerat u ma jirriflettix il-posizzjoni attwali finanzjarja bejn il-partijiet.

B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 id-difensur tal-konvenuti ddikjara li:- *"....l-*

---

[1] Kumpannija registrata fit-18 ta' Marzu 2005.
[2] Skond is-sanction letter din il-facilita nghatat ghax-xiri ta' merkanzija (Dok. BOVX3). Il-flus ittiehdu fit-22 ta' Novembru 2007 u 4 ta' Dicembru 2007 (ara dokument anness mar-rikors guramentat fir-rigward tal-kont numru 40016702077).
[3] Appartament numru 1, Blokk P, Bini tal-Gvern tar-Rabbat, Triq Wenzu Debattista, Hamrun.
[4] Fol. 54

*oggezzjoni hi minhabba li hemm numru ta' cekkijiet li l-firma fuqhom hi falza ghaliex m'hijiex tad-direttur tal-kumpannija u li b'dawn ic-cekkijiet ittiehdu flus mill-overdraft account minghajr l-awtorizazzjoni tad-direttur."*.

Jirrizulta li b'avviz moghti lir-Registratur tal-Kumpanniji fl-14 ta' Lulju 2008 gie ddikjarat li Sarah Ann Gatt *".....has been appointed legal and judicial respresentative"* b'effett mis-7 ta' Lulju 2008[5].

L-allegazzjoni tal-konvenuti hi li Sarah Ann Gatt, mart Jean Pierre Gatt li hu d-direttur ta' Phonic Ltd u l-uniku azzjonist, kienet qeghda tigbed flus mill-overdraft account meta ma kenitx awtorizzata u sahansitra ffirmat cekkijiet tal-kumpannija.
Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 xehed Jean Pierre Gatt u filwaqt li ghamel riferenza ghall-kopja ta' cekkijiet li pprezenta u li jirreferu ghall-overdraft account, qal: *"Hafna mic-cekkijiet li iffirmajt u li illum qed nipprezenta kopja taghhom, dok JPG, dawn iffirmajthom in bjank. Il-problema kollha hi dwar x'ghamlet marti bil-qliegh li kien qed isir min-negozju."*. Jekk kif ighid kien qieghed jiffirma cekkijiet in bjank, ma jista' jressaq l-ebda argument kontra l-bank. Fl-eventwalita li martu kienet qeghda tuza c-cekkijiet ghall-affarjiet mhux relatati man-negozju, dik irid jaraha ma' martu u mhux mal-bank. Gatt xehed li *"Il-problema kollha hi dwar x'ghamlet marti bil-qliegh li kien qed isir min-negozju."*. Din ukoll hi kwistjoni li l-bank hu estraneju ghaliha, gialadarba ma kellu x'jaqsam xejn fit-tmexxija tan-negozju. Jean Pierre Gatt ghamel ukoll riferenza ghall-dokument JPG1 li pprezenta fl-istess seduta u tinkludi applikazzjoni datata 20 ta' Mejju 2008 biex mill-overdraft account tigi trasferita s-somma ta' €22,000 lil Gruppo D'Antoni di Francesco D'Antoni ghal *"payment re importation of clothes"*, u qal li fejn hemm firma fuq il-kliem *"Customer's Signature"*, m'hijiex tieghu izda ta' martu. Irrispettivament dwar jekk din il-verzjoni hijiex il-verita, mir-rendikont li pprezentat l-attrici tal-kont in kwistjoni[6], ma jirrizultax li din is-somma ttiehdet mill-

[5] Ara Dok. BOVX1 prezentat waqt is-seduta tal-20 ta' April 2012.
[6] Numru 40016663802.

overdraft account. Jean Pierre Gatt xehed ukoll li fejn kien qieghed jimmarka bil-kulur ahmar u jiffirma fuq id-dokument JPG1[7], *"....dawk zgur li mhumiex tieghi il-firma. F'dan ir-riward jiena ghamilt marka b'riferenza ghac-cekkijiet Vodafone Ltd 3/07/08, GVTH Advocates, f'Awwissu 2008, SMS f'Novembru 2008, Vodafone 16/11/2008. Dawn ic-cekkijiet igibu in-numru 95, 97, 98, 103, 104. Hemm cekk iehor lil certu Silvio Vella numru 14, mahrug fit-12/12/2007. Dan ukoll il-firma hi falza."*. Ic-cekkijiet huma datati 3 ta' Lulju 2008, 6 ta' Awwissu 2008, 15 ta' Awwissu 2008, 6 ta' Novembru 2008 u 16 ta' Novembru 2008. Mir-rendikont prezentat mill-attrici jirrizulta li c-cekkijiet li ghalihom ghamel riferenza Jean Pierre Gatt, ma gewx imsarrfa jew ma gewx prezentati. Fil-fatt jirrizulta li:-

i. L-overdraft account inghalaq fit-23 ta' Awissu 2008 b'debit ta' €36,635.04.
ii. Id-dejn tpogga f'kont gdid numru 4001750227-6 min fejn jirrizulta li mbaghad depoziti biss saru[8].

Hu biss ic-cekk tat-12 ta' Dicembru 2007 (numru 14) mahrug favur Silvio Vella li jidher li gie msarraf[9].

Waqt id-deposizzjoni, Jean Pierre Gatt indika wkoll numru ta' cekkijiet li dwarhom ma kienx cert jekk il-firma kenitx tieghu. Cekkijiet li nhargu favur YAL li rrizulta li kienet tissuplixxi l-merkanzija lill-kumpannija konvenuta. F'dan l-istat ta' incertezza min-naha tad-direttur tal-konvenuta, il-qorti ma tista' tasal ghal ebda konkluzjoni. Li hu zgur hu li mill-provi rrizulta li kemm Jean Pierre Gatt u martu kienu jhallsu ghall-merkanzija. Semma wkoll hrug tas-somma ta' Lm6,500 fit-28 ta' Novembru 2007 u li ddikjara ma jafx ghal x'hiex kienet intuzat. Qal ukoll li ma kienx jaf li nharget din is-somma. Minn Dok. D1 ma jirrizultax li din it-transazzjoni saret permezz ta' cekk. Fil-fehma tal-qorti, kien l-oneru ta' Gatt li jressaq il-provi f'dan ir-rigward, bhal dokumenti li gew iffirmati mal-bank biex inhargu dawn il-

---

[7] Cekkijiet ghall-hlas li kellu jsir mill-kont ta' Phonic Limited.
[8] 10/10/2008 - €750; 28/11/2008 - €750; 22/12/2008 - €750; 17/1/2009 - €600 (ara Dok. BOVX6) .
[9] Ara statement of account Dok. D1-D11.

flus. Fin-nuqqas ta' tali provi l-qorti ma tistax tasal ghal xi gudizzju dwar dan l-ilment.

Minhabba li l-hlasijiet ma kienux qeghdin isiru skond kif ftehemu l-partijiet, fil-25 ta' Awwissu 2008 il-bank ghamel ftehim ma' Phonic Ltd biex ikun hemm *restructuring* tal-facilita, fis-sens li:-

i. Is-self ta' €33,401 kellu jithallas fuq perjodu ta' 10 snin permezz ta' pagamenti ta' €416.96 kull xahar;
ii. €36,640 fl-overdraft account tkun *reducing only*; u kellu jsir hlas ta' €750 kull xahar fuq perjodu ta' hames snin b'effett tat-30 ta' Settembru 2008;

Jirrizula li l-kumpannija konvenuta accettat dan il-ftehim tant li l-ufficjal taghha ffirma d-dokument[10]. Madnkollu mill-atti hu altru milli evidenti li Phonic Limited ma zammitx mal-programm ta' hlas[11]. Ghalhekk hu evidenti li t-talba tal-attrici hi gustifikata fuq morozita fil-hlas tal-pagamenti li kellhom isiru[12].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-attrici fir-rigward:-**

**i. tal-kumpannija konvenuta billi tikkundannaha thallas lil Bank of Valletta plc is-somma ta' erbgha u sebghin elf hames mija u erbgha u hamsin ewro u centezmu (€74,554.01), flimkien mal-imghax mis-26 ta' Gunju 2010 b'dan li l-imghax ghandu jiddekorri fuq il-kapital[13].**

[10] Ara Dok. BOVX4 prezentat fis-seduta tal-20 ta' April 2012. Fl-ebda stadju tal-kawza ma gie allegat minn Jean Pierre Gatt li l-firma fuq dan id-dokument m'hijiex tieghu.
[11] Fir-rigward tal-Loan Account numru: 40016702077 l-ahhar hlas sar fid-29 ta' Dicembru 2008, filwaqt li fir-rigward tal-Loan Account 40017502276, originarjament O/D 40016663802, l-ahhar hlas sar fis-17 ta' Jannar 2009.
[12] Permezz ta' ittri ufficjali prezentati fis-26 ta' Mejju 2010 (ara kopja annessa mar-rikors guramentat), il-konvenuti gew interpellati jhallsu s-somma ta' €73,583.22 bilanc ghad-debitu fil-Loan Accounts (fol. 45 u 48).
[13] Skond ir-rendikonti li pprezentat l-attrici fil-25 ta' Gunju 2010 l-ammont ta' kapital hu ta' €67,110.02 (ara Dok. C3 u Dok. D12), filwaqt it-total ta' imghax fuq iz-zewg kontijiet kien ta' €7,444 (ara l-istess dokument).

**ii. Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Gatt biex ihallsu solidalment flimkien mal-kumpannija Phonic Ltd sas-somma ta' tmienja u hamsin elf mitejn u erbgha u tletin ewro (€58,234) bhala kapital, flimkien mal-imghax fuq l-istess somma skond dak pattwit fi klawzola 2e tal-iskrittura privata[14].**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] *"Any sum or sums demanded from you under this Guarantee will carry interest from the date of demand until payment at the same rate applicable to the Debot of the Borrower."* (Dok. E a fol. 36).